QALA

Ref Nru 44

Il-minuti ta' l-erbgha u l-erbghin laqgha tal-hames leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala li nzammet nhar il-Hamis 1 ta' Settembru 2011, fil-6:00 ta' filghaxija fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Paul Buttigieg |
| Vici Sindku: | Dr Raymond Xerri |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Victor Grech<br>Jesmond Borg |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

## 1 Talba

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

## 2 Approvazzjoni tal-minuti tal-tlieta u erbghin laqgha.

2.1 Peress li l-minuti tat-tlieta u erbghin laqgha tqassmu qabel, dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

## 3 Xogholijiet ta' restawr tal-Fortizza ta' Sant Antnin – f'hiex wasalna.

3.1 Il-Kunsill iddiskuta iz-zjara li ghamel l-Onorevoli Dr Chris Said Segretarju Parlamentari ghall-Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika fil-Fortizza ta' Sant Antnin nhar is-Sibt li ghadda. Is-Sindku semma li l-MEPA ma tridx tghaddi s-somma ta' €5,000 *planning gains* lil Din l-Art Helwa.

## 4 Xogholijiet tas-sala tal-kommunita` fic-Centru Civiku Qala – f'hiex wasalna u inawgurazzjoni.

4.1 Is-Sindku ta spejgazzjoni tax-xogholijiet li qed isiru bhalissa fis-sala tal-kommunita` fic-Centru Civiku Qala.

5 **Xogholijiet ta' *resurfacing* bit-tarmak fi Triq is-Salib, Triq Santa Marija tal-Qala, Triq tac-Cawl u Triq il-Kappillan Dun Guzepp Vella.**

5.1 Is-Sindku semma li Triq tac-Cawl hija lesta mix-xoghol ta' *resurfacing* bit-tarmak, xoghol li sar mill- Ministeru ghal Ghawdex. Huwa semma li Triq Santa Marija tal-Qala nghatat l-ewwel kisja tarmak u li kien hemm hafna dislevel allura kellhom issiru ishom zewg bankini baxxi bic-*cement* fiz-zewg nahhat tat-triq sabiex jittranga ftit is-dislevel. Huwa semma li issa jmiss Triq is-Salib. Huwa semma wkoll li parti minn din it-triq ser titwessa bi ftehim ma Guzeppa Falzon li toqghod 10, Triq il-Forn, Qala li hija sid tal-bicca li ser titwessa. Dwar il-Triq il-Kappillan Dun Guzepp Vella l-ewwel ser jinbidel il-*main* ta' l-ilma.

6 **Xogholijiet fuq bini li jinsab fi Triq it-28 t'April 1688 li ser igi konvertit f'Muzew Folkloristiku – f'hiex wasalna.**

6.1 Is-Sindku semma li qed isiru x-xoghlijiet fuq bini bini li jinsab fi Triq it-28 t'April 1688 li ser jigi konvertit f'Muzew Folkloristiku. Gie trattat l-ftehim li sar bejn il-Kunsill Lokali u l-Ministeru ghal Ghawdex dwar il-fondi li ser jinghata l-Kunsill mill-EKO Ghawdex ghal dawn ix-xogholijiet Gew trattata xi korrispondenza fuq *double funding* li huma ittra li ntbghatet mill-Perit tal-Kunsill Edward Scerri lil Donald Aquilina fil-Ministeru ghar-Rizorsi Rurali u Agrikultura datata 16 ta' Lulju 2011 kif ukoll korrispondenza li saret bejn il-Perit, il-Kunsill, il-Ministeru ghar-Rizorsi Rurali u Agrikultura u l-EKO Ghawdex datati 25 u 26 ta'Lulju 2011.

7 **Il-gazzetta tal-Kunsill Serje C, harga numru 11 – analizi.**

7.1 Is-Sindku semma li l-gazzetta tal-Kunsill Serje C, harga numru 11 tlestiet u tqassmet f'kull dar fil-lokalita`.

8 **Il-festa ta' San Guzepp 2011 – Ir-rwol tal-Kunsill Lokali.**

8.1 Il-Kunsill ircieva ittra minghand l-Avukat Jean Paul Grech minn Carmelo Galea & Associates ghan-nom ta' Teresa Vella ta' 58, Pjazza San Guzepp, Qala dwar il-*kiosks* iz-zghar li jarmaw faccata tar-residenza taghha u tul it-triq kollha. Is-Sindku semma li sabiex tigi solvuti l-problema ma gewx armati *kiosks* faccata taghha izda gew armati l-isfel minn taghha u bdejna bil-*kiosks* tat-*toys* u *slush*. Sar xi tkisser fil-latrini pubblici fi Triq il-Wardija fil-marc ta' filghodu u ghalhekk filghaxija kellhom jinghalqu.

9 **Il-propost progett f'Hondoq ir-Rummien applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp bin-numri PA 3797/02 u PA 3798/02 – rapport tat-Trasport ta' Malta dwar l-Impatt tat-traffiku u rapport mid-Direttorat ta' l-Ambjent fi hdan il-MEPA.**

9.1 Il-Kunsill iddiskuta ir-rapport mahrug mid-Direttorat ta' l-Ambjent fi hdan il-MEPA fejn qed juri li mhux jaqbel mal-Bord tal-MEPA fuq il-propost progett f'Hondoq ir-Rummien applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp bin-numri PA 3797/02 u PA 3798/02. Gie trattat wkoll it-*Traffic Impact Statement*. Giet diskussa il-laqgha li saret Mat-Trasport ta' Malta nhar il-11 t'Awwissu 2011 dwar it-TIS. It-Trasport ta' Malta issa ser tipprepara rapport dwar it-TIS. Il-Perit Lino Bianco konsulent mqabbad mill-Kunsill qed jipprepara rapport fuq it-TIS ukoll. Giet mahruga Stqarrija ghall-Istampa mill-Kunsill bit-titlu 'l-Kunsill Lokali Qala jilqa b'sodisfazzjon l-ahbar li d-Direttorat ta' l-Ambjent fi hdan il-MEPA qed jirrakkomanda li l-Progett Qala Creek jigi rifjutat.

**10 *European Agriculture Funds for Rural Development* – applikazzjonijiet 313 u 323 f'hiex wasalna.**

10.1 Is-Sindku semma li ser jinghata bidu ghax-xoghol ta' thammil tar-raba' fil-parti ta' fuq tal-*ground* tal-*football* bhala parti minn gnien ta' rikreazzjoni fi Triq l-Imgarr, Qala inkonnessjoni mal-mizura 323 *European Agriculture Funds for Rural Development.* Gie trattat addendum ghall-kuntratt tal-mizura 313. Giet trattata korrispondenza dwar dawn il-mizuri li saret bejn il-Kunsill u l-MRRA datati 4 ta' Mejju 2011, 22 ta' Gunju 2011 u l-15, it-18 u d-19 ta' Lulju 2011.

**11 Is-sitt edizzjoni tal-*Qala International Folk Festival 2011* – Programm.**

11.1 Is-Sindku ta spejgazzjoni tal-programm tas-sitt edizzjoni tal-*Qala International Folk Festival 2011.* Huwa semma li il-Menhir Qala Folk Group nghataw xi fondi mill-EKO Ghawdex ghal konferenza li tigi organizzati inkonnessjoni ma dan il-*festival* u ghalhekk l-ispejjes ta' din il-konferenza ser jithallsu mill-Menhir Qala Folk Group.

**12 Skema ta' finanzjament ta' Progetti Specjali f'lokalitajiet zghar – tisbieh tal-Belvedere.**

12.1 Is-Sindku semma li giet sottomessa applikazzjoni dwar l-iskema ta' finanzjament ta' Progett Specjali f'lokalitajiet zghar, fejn il-Kunsill applika sabiex jinghata fondi sabiex isir *embellishment* tal-gnien tal-Belvedere fi Triq iz-Zewwieqa. Giet trattata l-applikazzjoni li nbghatet lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

**13 Skema dwar inizjattivi ta' Attivitajiet 2012 – is-seba` edizzjoni tal-QIFF 20-23/09/2012.**

13.1 Is-Sindku semma li giet sottomessa applikazzjoni dwar l-iskema dwar inizjattivi ta' Attivitajiet 2012, fejn il-Kunsill applika sabiex jinghata fondi ghas-seba` edizzjoni tal-*Qala International Folk Festival* li ser jinzamm bejn

l-20 u t-23 ta' Settembru 2012. Giet trattata l-applikazzjoni li ntbghatet lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

**14 Xogholijiet ta' kostruzzjoni fi 'Gnien il-Familja'.**

14.1 Is-Sindku semma li saru xi xogholijiet ta' kostruzzjoni fi 'Gnien il-Familja' fejn nfetah bieb minn barra l-*clubhouse* ghal gol-*gym* sabiex il-membri tal-*football* ma jibghux jghaddu minn fejn il-*bar* ghal gol-*gym* peress li bhalissa il-*bar* huwa mikri ghand persuna.

**15 Materji ohra.**

15.1 Is-Sindku semma li l-artist li semma il-Vici Sindku fl-ahhar laqgha tal-Kunsill ried ikun Justin Falzon u mhux Mario Cassar. Justin Falzon gie waqt parti mill-laqgha tal-Kunsill u pprezenta pittura tal-President Anton Buttigieg lil Kunsill.

15.2 Is-Sindku semma li s-*separation bins* li jinsabu fil-bidu ta' Triq ta' Gulju ser jigu trasferiti ftit l-isfel f'din l-istess triq peress li kien qed ikun hemm xi ilmenti fuq skart li qed jintrema madwarhom.

15.3 Is-Sindku semma li peress li s-Segretarja Ezekuttiva dalwaqt ser tohrog bil-*maternity leave*, gie mitlub il-permess tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex Johanna Caruana tkun Segretarja Ezekuttiva temporanjment.

15.4 Is-Sindku ppropona li ghandu jinghata rigal lil Krystof Buttigieg mill-lokalita` tal-Qala li lahaq qassis ftit gimghat ilu. Il-Kunsill qabel ma dan.

15.5 Il-Vici Sindku Dr Raymond Xerri ppropona li ghandhom isiru d-*double yellow lines* quddiem xi garaxxijiet fi Triq il-Hotba.

15.6 Il-Kunsillier Paul Buttigieg ssuggerixxa li ghandhom isiru id-*double yellow lines* fil-*parking* li hemm fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien.

15.7 Il-Kunsillier Jesmond Borg semma li qed isir hafna *parking* bl-addocc fi Pjazza San Guzepp. Is-Sindku semma li gew mibghuta l-gwardjani lokali. Huwa semma wkoll li ntalbet stima minghand l-*Eagle Security Systems* ghal provvista ta' *camera* fi Pjazza San Guzepp. Gie diskuss illi ma tistax isir *camera* minghajr ma jkollok il-kaxxi tal-*parking* li juru fejn tista u fejn ma tistax tipparkja. Il-Kunsill iddecida li qabel ma titwahhal xi tip ta' *camera* ghandu jigu kkuntatjat l-Arcipriet sabiex jara jekk huwa jaqbilx li jsiru l-kaxxi tal-*parking* fil-pjazza. Jesmond Borg semma wkoll il-kwestjoni tal-hrug ta' mwejjed u siggijiet tas-sidien tar-*restaurants* fi Pjazza San Guzepp. Is-Sindku semma li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghal dan izda d-Dipartiment ta' l-Artijiet ma jridux li jsir dan minhabba it-traffiku kif ukoll minhabba il-kwestjoni tal-propost zvilupp f'Hondoq ir-Rummien.

15.8 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lis-Supretendent tal-Pulizija Martin Sammut, dwar is-sitwazzjoni tat-traffiku fil-lokalita` specjalment fi Pjazza San Guzepp filghaxijiet u fil-*weekends* fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien.

15.9 Saret talba mill-Kunsill sabiex jitwahhlu zewg lanterni fi sqaq fi Triq il-Wileg, Qala. Giet trattata kopja ta' ittra li Rose Portelli minn GaleaCurmi Engineering bghatet lil Korporazzjoni Enemalta ghall-approvazzjoni taghhom ghal din it-talba.

15.10 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mid-9 ta' Lulju 2011 sa l-1 ta' Settembru 2011.

15.11 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskedi tal-hlasijiet bir-referenzi SP 03/2011 u SP 04/2011. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni ghall-kontijiet mnizzlin f'dawn l-iskedi. Ghalhekk dawn l-iskedi gew approvati unanimament.

## 16 Korrispondenza.

16.1 Gew trattati l-ittri u notifiki t' avviz li gejjien:

16.2 Ittra mibghuta minn Carl Mosca, dwar *spider jump system* f'Hondoq ghas-sajf 2012.

16.3 Ittra mibghuta minn Aldo Formosa mill-MEUSAC datata 5 ta' Lulju 2011, dwar il-progett Life+.

16.4 Ittra mibghuta minn Avv Victor Scerri mill-WasteServ Malta Ltd dwar il-hlas tat-*tipping fees*. Il-Kunsill ircieva ittra minghand il-President Michael Cohen u s-Segretarju Ezekuttiv Jimmy Magro ta' l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar din il-materja. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-Assocjazzjoni bhala risposta ghall-ittra taghhom.

16.5 Ittra minghand l-Inginier Joseph Micallef il-*Malta Competition and Consumer Affairs Authority*, dwar *Qala Playground Reports*

16.6 Ittra minghand il-*Manager* Ruben Said mit-*Transport Malta*, dwar it-talba tal-Kunsill ghal *double yellow lines* faccata tal-garage fi Pjazza San Guzepp, Qala.

16.7 Ittra mibghuta minn Jonathan Portelli Junior EIA Coordinator minn AIS Environmental Ltd., dwar *interview – Sikka l-Bajda proposed wind farm*.

16.8 Ittra mibghuta minn Maria Mallia *Education officer* WasteServ Malta Ltd., dwar *European Week for Waste Reduction*.

16.9 Ittra mibghuta minn Rosianne Vella *Environment Planning Commission* MEPA, dwar id-decizjoni mehuda fuq l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA/05829/08.

16.10 Notifiki t'avviz mibghuta minn Jonathan Attard ghad-Direttur ta' l-infurzar fil-MEPA, b'referenzi ECF 00315/11 u ECF 00323/11 fejn b'dawn l-istess notifiki nforma lill-Kunsill li l-Awtorita` harget Avvizi ta' Infurzar u kopja ta' dawn qed jigu annessi ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

Il-laqgha ntemmet fid-9:00 ta' fil-ghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal 20 ta' Ottubru 2011 fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| Paul Buttigieg | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |